MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 3109/1996/1

**Simon Borg għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Central Mediterranean Development Corporation Ltd***

***Versus***

**Joseph Bonanno**

Din il-kawża hija dwar talba tas-soċjetà attriċi biex tinħall sub-enfitewsi għax il-konvenut ma ħarisx il-pattijiet tal-kuntratt.

It-talbiet tas-soċjetà attriċi u l-eċċezzjoni tal-konvenut huma mfissra fis-sentenza li ngħatat dwar parti mill-meritu fis-6 t'Ottubru 2000. F'dik is-sentenza l-qorti kienet laqgħet l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi — li riedet illi l-qorti tgħid li l-konvenut ma ħarisx il-pattijiet tas-sub-enfitewsi — u dwar it-tieni u t-tielet talbiet — li riedu illi l-qorti tħoll is-sub-enfitewsi minħabba fil-ksur ta' pattijiet u

tordna illi l-art bil-benefikati tingħata lura lis-soċjetà attriċi — il-qorti kienet qalet hekk:
… … … ma hix sejra tipprovdi għalissa dwar it-tieni u t-tielet talbiet iżda sejra tagħti lill-konvenut żmien ta' sitt xhur minn meta din is-sentenza ssir *res iudicata* sabiex, taħt id-direzzjoni tad-ditta *Mortimer & Degiorgio*, periti arkitetti, jagħmel ix-xogħlijiet strutturali meħtieġa sabiex il-bini fuq l-art isir kif irid ir-raba' patt stipulat fil-kuntratt tal-20 ta' Diċembru 1968 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino. Jekk il-konvenut jonqos milli jagħmel hekk fiż-żmien li qed jingħatalu, il-qorti tgħaddi biex tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talbiet.
Il-konvenut appella minn din is-sentenza iżda l-appel tiegħu kien deżert fil-15 ta' Marzu 2004.
Waqt li kienet miexja l-kawża iżda l-partijiet ittransiġew b'kuntratt tat-3 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar John Debono, u ftiehmu illi, talli l-attriċi tirrinunzja għall-effetti tas-sentenza, il-konvenut u martu jħallsuha ħmistax-il elf lira (Lm15,000), li tħallsu fuq il-kuntratt, u jħallsu wkoll l-ispejjeż kollha tal-kawża, kemm dawk quddiem din il-qorti kif ukoll dawk quddiem il-qorti ta' l-appell. Dawn l-ispejjeż għadhom ma tħallsux.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li rat il-ftehim ta' transazzjoni, ma tqisx aktar it-tieni u t-tielet talbiet ta' l-attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------